# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 47**

**Rikors numru 73/17/1 JZM**

Fl-atti tar-rikors nru 73/2017 JZM ta' Alexie Lapira fejn intalab ix-xoljiment u l-istralċ mill-Qorti tal-kumpanija Cut Coiffeur Company Limited (C-33501), liema kumpanija bi provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu 2018 kienet dikjarata xjolta, u kien ordnat l-istralċ tagħha u dana fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:

**Alexie Lapira**

**v.**

**Dr. Christopher Chircop u Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Lulju 2017, ġew nominati bħala kuraturi deputati għall-kumpanija mhux rappreżentata Cut Coiffeur Company Limited (C-33501), u David Bajada**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Bank of Valletta p.l.c.

minn ordni mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fis-26 ta' Frar, 2019, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ordnat li l-isem tal-kumpanija '*Cut Coiffeur Company Limited'* (C33501) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'seħħ minn dakinhar stess, u għal dan il-għan ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien sebat ijiem minn dakinhar, jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija 'Cut Coiffeur Company Limited' (C33501);

2. L-Ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha billi kkonsidrat b'dan il-mod:

> *"Rat id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u l-ordni ta` stralċ tal-kumpannija Cut Coiffeur Company Limited (C33501).*
>
> *Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralċ.*
>
> *Rat l-atti li kienu preżentati fil-kors tal-istralċ.*
>
> *Billi hija sodisfatta li l-istralċjarju ħares il-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda teħles lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.*
>
> *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.*
>
> *Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati għal kollox, qegħda tordna li l-isem tal-kumpannija Cut Coiffeur Company Limited (C33501) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.*
>
> *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Cut Coiffeur Company Limited (C33501).*
>
> *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni"*;

3. Bank of Valletta p.l.c. (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-

appellant") ħassu aggravat mill-imsemmi ordni, u għar-raġunijiet li ġew imfissra f'rikors imressaq minnu fit-18 ta' Marzu, 2019[1], talab lil din il-Qorti sabiex: "tannulla, tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fis-26 ta' Frar 2019 fl-ismijiet premessi rikors 73/17/JZM fl-ismijiet premessi, (*sic!*) u tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-imsemmija Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sabiex din il-kawża titkompla skont il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati";

4. B'risposta mressqa fl-10 ta' April, 2019,[2] ir-Riċevitur Uffiċjali u l-istralċjarju tal-kumpanija 'Cut Coiffeur Company Limited', filwaqt li warrab l-aggravji tal-appellant, qajjem il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell, u dan fuq ir-raġuni li l-appellant naqas milli jitlob il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex iressaq dan l-appell, u dan bi ħsara għal dak mitlub fl-Artikolu 224(2) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Hekk ukoll għamel Alexie Lapira li, b'risposta mressqa fit-3 ta' Ġunju, 2019,[3] minbarra li fisser għalfejn l-aggravji tal-appellant mhumiex mistħoqqa, qajjem ukoll il-preġudizzjali tan-nullità u l-irritwalità tal-appell. B'differenza għall-istralċjarju, dan tal-aħħar qiegħed iqajjem din il-preġudizzjali fuq ir-raġuni li l-provvediment appellat mhuwiex sentenza

[1] F'paġni 238 sa 285 tal-proċess.
[2] F'paġni 289 sa 300 tal-proċess.
[3] F'paġni 308 sa 312 tal-proċess.

jew digriet iżda 'ordni' li ngħata b'riħet dispożizzjonijiet speċjali taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, u li għalhekk mhuwiex appellabbli;

6. Għalkemm il-kuraturi wieġbu wkoll għall-appell, dawn sempliċiment qalu li "*m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ*" [4];

7. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat**:

8. L-appell li din il-Qorti għandha quddiemha huwa minn provvediment mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), b'riħet l-Artikolu 264 tal-Att tal-1995 dwar Il-Kumpaniji (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Att") u li bih ordnat li l-isem tal-kumpanija 'Cut Coiffeur Company Limited' għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'seħħ minn dakinhar li fih ingħata l-istess provvediment;

9. Qabel ma jsir l-istħarriġ tal-aggravji tal-appellant dwar id-deċiżjoni appellata, jeħtieġ li qabel xejn il-Qorti tistħarreġ **il-preġudizzjali dwar is-siwi tal-appell**, għaliex jekk din il-Qorti ssib li hija mistħoqqa, il-Qorti tkun

[4] Ara t-tweġiba tal-kuraturi f'paġni 305 u 306 tal-proċess.

marbuta li tieqaf hemmhekk, u dan peress li ebda Qorti ma tista' tassumi setgħat li m'għandhiex[5];

10. Kif rajna, qegħdin jitqajmu żewġ preġudizzjali dwar is-siwi tal-appell tal-lum. Lapira qiegħed iqajjem l-argument li l-ordni mogħti mill-Ewwel Qorti, mhuwiex sentenza u għalhekk ma jistax isir appell minnu, filwaqt li l-istralċjarju qiegħed iqajjem l-argument li l-appellant naqas milli l-ewwel iġib il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex iressaq dan l-appell, u dan bi ksur tal-Artikolu 224(2) tal-Att. Il-Qorti ser tibda billi tqis l-argumenti tal-appellat Lapira, u sewwasew dawk dwar l-inappellibilità tal-provvediment mertu ta' dan l-appell;

11. L-appellat Lapira qiegħed jargumenta li l-provvediment appellat mhuwiex sentenza, u li għalhekk ma hemmx jedd ta' appell minnu. Ifisser li l-proċediment li wassal għall-provvediment appellat huwa wieħed regolat bid-dispożizzjonijiet speċjali tal-Att, u sewwasew dawk li jirregolaw ix-xoljiment u l-istralċ ta' kumpaniji. Jissottometti li, fil-qafas ta' din il-liġi speċjali, il-Qorti tagħti 'ordnijiet', u mhux sentenzi jew digrieti, u biex isaħħaħ dak li qed jgħid jirreferi kemm għall-Artikolu 219(1) tal-Att, kif ukoll għall-Artikolu 264 tal-istess Att, li fuq is-saħħa tiegħu ngħata l-provvediment appellat. Jargumenta li l-ġurisprudenza riċenti ta' din il-Qorti hija fis-sens, li 'ordnijiet' mogħtija f'azzjonijiet kontemplati fl-Att, bħal

[5] Ara App. Ċiv. Fil-kawża fl-ismijiet ***Gio Andrea Psaila v. Emidio Mamo',*** Appell, **16 ta' Mejju, 1966**, (Kollez. Vol. **L.i.197**).

pereżempju taħt l-Artikolu 402 tiegħu, u li jinbdew b'rikors u mhux b'rikors maħluf, mhumiex appellabbli u jistgħu jkunu kontestati biss permezz ta' proċeduri kontenzjużi oħrajn. F'dan ir-rigward, jirreferi għas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ta' *Suzanne Busuttil et v. Francis Busuttil & Sons Limited et.*[6], *Antonia sive Tania Baldacchino et v Balda Enterprises Limited et.*[7] u *Jonathan Shaw et. v. Alan David Shaw et.*[8], u filwaqt li jistqarr li dawn huma lkoll dwar proċeduri mibdija taħt l-Artikolu 402, jargumenta li l-istess konsiderazzjonijiet li wasslu għal tali deċiżjonijiet għandhom jgħoddu bis-sħiħ għall-każ tal-lum. Iffisser li hawnhekk, il-liġi wkoll trid li l-proċedura ta' stralċ tinbeda permezz ta' rikors, u hekk kienet tgħid meta l-liġi tal-proċedura kienet trid illi l-proċeduri kontenzjużi ordinarji fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jinbdew b'ċitazzjoni. Iżid li l-att li bih tnedew il-proċeduri li wasslu għal din it-tilwima ma kienx rikors imfassal skont il-ħtiġijiet tal-Artikolu 156 tal-Kap.12, iżda wkoll kien biss 'rikors'. Jagħlaq imbagħad billi jgħid li, fuq kollox, il-proċediment ta' stralċ iwassal għal "ordni" u mhux għal "sentenza", u li għalhekk lanqas ma jgħoddu d-dispożizzjonijiet misjuba fil-Kap. 12 dwar l-appellabilità ta' sentenzi;

12. Il-Qorti, wara li għarblet dawn l-argumenti fid-dawl ta' dak li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas tal-liġi li tgħodd għall-każ, tqis li l-argumenti tal-appellat Lapira huma tajbin;

[6] App. Ċiv. **31.1.2014**.
[7] App. Ċiv. **19.1.2010**.
[8] App. Ċiv. **27.11.2009**.

13. M'għandux ikun hemm lok għal xi dubju li d-deċiżjoni kontestata b'dan l-appell ingħatat fuq is-saħħa **tal-Artikolu 264(1) tal-Kap. 386**, li jaqra li: "*Meta l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralċjati għal kollox u l-ħtiġijiet tal-artikolu 224 ikunu tħarsu,* ***il-qorti għandha <u>tagħmel ordni</u> li l-isem tal-kumpannija jitħassar mir-reġistru <u>mid-data tal-ordni</u>***";

14. Għalkemm tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, f'dak li jirrigwarda d-dritt proċedurali, it-tixbih b'analoġija jrid isir b'mod kontrollat, din il-Qorti taqbel mal-argumenti ta' Lapira li għal dan il-każ għandhom tabilħaqq jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fejn jidħol is-siwi ta' appelli minn ordnijiet oħrajn magħmula taħt l-Artikolu 402 tal-Att, u li fihom din il-Qorti tat il-fehma meqjusa u raġunata tagħha għalfejn il-jedd ta' appell minn 'ordni' bħal dak ma jeżistix[9]. Bħal fil-każ tal-Artikolu 402, l-Artikolu 218(1) tal-Att (li fuq is-saħħa tiegħu nbdew il-proċeduri għax-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija 'Cut Coiffeur Company Limited')[10], sa mill-bidu nett kien jispeċifika li t-talba lill-Qorti skont l-Artikolu 214 "*għandha ssir b'rikors*", u mhux bil-mezz ta' ċitazzjoni (llum rikors maħluf)[11]. Kif tfisser fis-sentenzi msemmija mill-appellant, din id-distinzjoni li saret mil-leġislatur f'kuntest meta l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu jagħmel differenza bejn dawk il-proċeduri li jinbdew

[9] Ara App. Ċiv. **27.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jonathan Shaw et noe et v. David Alan Shaw et*** ; u App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Suzanne Busuttil et v. Francis Busuttil & Sons Ltd. et.***
[10] Ara t-talbiet tar-rikors promotur, f'paġna 3 tal-proċess.
[11] Ara l-Artikolu 218(1) tal-Att Nru. XXV ta' l-1995.

b'‘ċitazzjoni’ u dawk b'‘rikors’, mhijiex ta’ xi ftit rilevanza, u twassal biex dawk id-dispożizzjonijet tal-Kap. 12 dwar appelli minn sentenzi mogħtija wara kawża mibdija b’rikors ġuramentat ma jkunux jgħoddu għal din l-għamla ta’ proċedura;

15. Tabilħaqq lanqas l-Ewwel Qorti ma sejħet id-deċiżjoni tagħha bħala ‘sentenza’, u fil-*verbal* tas-smigħ tal-11 ta’ Frar 2019 (li fih deher ukoll l-avukat tal-Bank appellant) il-Qorti għamlitha ċara li kienet qed “*tħalli l-istralċ sabiex tagħti* ***provvediment finali*** *dwaru in camera*”[12]. L-ordni appellat ingħata ftit tal-jiem wara dak il-*verbal* u mill-atti ma jirriżultax li nżamm xi smigħ ieħor bil-għan li dak il-provvediment jingħata minn dik il-Qorti fil-miftuħ. Li kieku d-deċiżjoni appellata kellha mix-xeħta ta’ sentenza, dik id-deċiżjoni ma setgħet qatt tingħata fil-magħluq (kameralment)[13], u b’hekk din hija raġuni oħra li tkompli turi kemm id-deċiżjoni appellata m’għandhiex min-natura ta’ sentenza, u li b’hekk id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 dwar appelli minn sentenzi ma jgħoddux għad-deċiżjoni appellata;

16. Fid-dawl ta’ dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li proċedura mnedija quddiem l-Ewwel Qorti hija waħda speċifika li dwarha tipprovdi biss il-liġi speċjali tal-kumpaniji. Meta wieħed iqis li wkoll fil-qafas ta’ proċeduri ta’ din ix-xorta l-liġi, fejn riedet li jkun hemm il-jedd ta’

[12] Ara l-verbal tas-smigħ tal-11 ta’ Frar 2019, f’paġna 227 tal-proċess.
[13] Ara l-Artikolu 23 tal-Kap. 12.

appell, qalitu u tatu b'mod speċifiku[14], u li min-naħa l-oħra fil-każ ta' ordnijiet mogħtija fuq is-saħħa tal-Artikolu 264 tal-Att il-liġi baqgħet siekta, bit-tħaddim tal-prinċipju ta' ***'ubi voluit lex dixit'*** isegwi li l-liġi ma riditx li tagħti jedd ta' appell minn ordnijiet ta' din ix-xorta;

17. Fl-aħħar mill-aħħar huwa wkoll bil-wisq loġiku għalfejn il-liġi ma tagħtix jedd ta' appell minn ordni mogħti b'riħet l-Artikolu 264 tal-Att. Kif jidher sewwa kemm mill-istess Artikolu 264, kif ukoll mill-provvediment appellat, ordni bħal dik li dwarha qed isir dan 'l-appell' għandha l-effett "***li l-isem tal-kumpannija jitħassar mir-reġistru <u>mid-data tal-ordni</u>***"[15]. Hija mbagħad l-istess liġi li tagħmilha ċara li l-personalità ġuridika tal-kumpanija "*tibqa' sseħħ* ***<u>sakemm</u>*** *l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix* ***<u>imħassar mir-reġistru</u>***" u li hekk kif dan jitħassar "***<u>is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżesti</u>***"[16]. La l-ordni tas-26 ta' Frar 2019, kellu l-effett li jħassar l-isem tal-kumpanija 'Cut Coiffeur Company Limited' minn fuq ir-Reġistru minn dak il-jum stess, il-Bank appellant ma jistax jinqeda bir-rikors tal-appell tat-18 ta' Marzu, 2019 biex ireġġa' l-arloġġ lura. Il-Qorti għalhekk taqbel mal-appellat Lapira li l-proċedura wżata mill-appellant hija għalkollox irritwali, u b'hekk nulla u mingħajr effett;

18. Ladarba li waslet għal din il-fehma, il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk u

---

[14] Ara b'eżempju l-Artikolu 253 tal-Kap. 386, li huwa fl-istess Kapitolu li fih jinsab l-Artikolu 264.
[15] Fil-provvediment appellat l-Ewwel Qorti wkoll ordnat li *"l-isem tal-kumpannija Cut Coiffeur Company Limited (C33501) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji* ***<u>b`effett mil-lum</u>****".* (f'paġna 235 tal-proċess).
[16] L-Artikolu 4(4) tal-Kap. 386.

ser tkun qed tgħaddi biex tiċħad l-appell minħabba l-irritwalità tiegħu;

**Deċide:**

19. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq minn Bank of Valletta pl.c. mid-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) tas-26 ta' Frar, 2019, fl-ismijiet premessi u dan minħabba l-irritwalità tiegħu, bl-**ispejjeż** kontra l-Bank appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm